



EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/281832/2024
EMA/H/C/006314

Pomalidomide Krka (*pomalidomide*)

Ħarsa ġenerali lejn Pomalidomide Krka u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Pomalidomide Krka u għal xiex jintuża?

Pomalidomide Krka huwa mediċina kontra l-kanċer li tintuża għat-trattament tal-majeloma multipla (kanċer tal-mudullun). Jintuża f'kombinazzjoni ma' bortezumib (mediċina oħra kontra l-kanċer) u dexamethasone (mediċina antiinfjammatorja) f'adulti li ngħataw mill-inqas trattament wieħed inkluż lenalidomide (mediċina oħra kontra l-kanċer).

Jintuża wkoll f'kombinazzjoni ma' dexamethasone fl-adulti li ngħataw mill-inqas żewġ terapiji preċedenti, inklużi kemm lenalidomide u bortezumib, u li l-marda tagħhom marret għall-aġġar.

Pomalidomide Krka fih is-sustanza attiva lenalidomide u huwa "mediċina ġenerika". Dan ifisser li Pomalidomide Krka fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediċina ta' referenza" diġà awtorizzata fl-UE. Il-mediċina ta' referenza għal Pomalidomide Krka hija Imnovid. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibiet [hawnhekk](#).

Kif jintuża Pomalidomide Krka?

It-trattament b'Pomalidomide Krka għandu jinbeda u jkun taħt is-superviżjoni ta' tabib b'esperjenza fit-trattament tal-majeloma multipla. Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

Pomalidomide Krka jiġi bħala kapsuli. Dan jittieħed fl-ewwel ġimagħtejn ta' ċikli ta' trattament ta' 3 ġimgħat, meta jingħata f'kombinazzjoni ma' bortezumib u dexamethasone, u fl-ewwel 3 ġimgħat ta' ċikli ta' trattament ta' 4 ġimgħat meta jingħata f'kombinazzjoni ma' dexamethasone biss.

Jista' jkun meħtieġ li Pomalidomide Krka jiġi interrott jew imwaqqaf, jew jista' jkun meħtieġ li d-doża titnaqqas, jekk il-marda tmur għall-aġġar jew iseħħu ċerti effetti sekondarji. Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Pomalidomide Krka, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif jaħdem Pomalidomide Krka?

Is-sustanza attiva f'Pomalidomide Krka, pomalidomide, hija aġent immunomodulanti. Dan ifisser li taffettwa l-attività tas-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem). Pomalidomide jaħdem f'għadd ta' modi fil-majeloma multipla: jimblokka l-iżvilupp taċ-ċelloli tat-tumur, jipprevjeni t-tkabbir tal-vażi

Official address Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

Address for visits and deliveries Refer to www.ema.europa.eu/how-to-find-us

Send us a question Go to www.ema.europa.eu/contact **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



f'tumuri u jstimula wkoll xi ċelloli speċjalizzati tas-sistema immunitarja biex jattakkaw iċ-ċelloli tat-tumur.

Kif ġie studjat Pomalidomide Krka?

Studji dwar il-benefiċċji u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użijiet approvati diġà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Imnovid, u m'għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Pomalidomide Krka.

Bħal fil-każ ta' kull mediċina, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Pomalidomide Krka. Il-kumpanija wettqet ukoll studju li wera li huwa "bijoekwivalenti" għall-mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini jkunu bioekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem u għalhekk huma mistennija li jkollhom l-istess effett.

X'inhuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Pomalidomide Krka?

Minħabba li Pomalidomide Krka huwa mediċina ġenerika u huwa bioekwivalenti għall-mediċina ta' referenza, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

Għaliex Pomalidomide Krka ġie awtorizzat fl-UE?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Pomalidomide Krka wera li għandu kwalità komparabbli u huwa bioekwivalenti għal Imnovid. Għaldaqstant, il-fehma tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Imnovid, il-benefiċċji ta' Pomalidomide Krka huma akbar mir-riskji identifikati u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Pomalidomide Krka?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Pomalidomide Krka. Kwalunkwe miżura addizzjonali fis-seħħ għal Imnovid, bħal kard tal-pazjent b'informazzjoni ewlenija dwar is-sigurtà, tapplika wkoll għal Pomalidomide Krka fejn xieraq.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-*data* dwar l-użu ta' Pomalidomide Krka tiġi ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati rrapportati b'Pomalidomide Krka huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tipproteġi lill-pazjenti.

Informazzjoni oħra dwar Pomalidomide Krka

Aktar informazzjoni dwar Pomalidomide Krka tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:
ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/pomalidomide-krka.

Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija.